



Brussell, 15 ta' Settembru 2023
(OR. en, es)

12838/23

JAI 1133
JAIEX 48
COLAC 105
COSI 145
CRIMORG 110
ENFOPOL 376
CORDROGUE 80

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.: 12517/1/23 REV 1	
Suġġett:	Dikjarazzjoni Konġunta tal-Ministri għall-affarijiet interni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u l-Ministri responsabbli għal kwistjonijiet ta' sigurtà tal-Istati Membri tal-Kumitat Latin-Amerikan għas-Sigurtà Interna (Dikjarazzjoni Konġunta UE-CLASI)

Wara l-informazzjoni pprovduta lill-Coreper fit-12 ta' Lulju 2023¹, Spanja, bħala l-Istat Membru li għandu l-Presidenza, għamlet kuntatt mal-pajjiżi sħab esterni rilevanti biex tiddiskuti magħhom test konġunt tad-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Ministri għall-affarijiet interni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u l-Ministri responsabbli għal kwistjonijiet ta' sigurtà tal-Istati Membri tal-Kumitat Latin-Amerikan għas-Sigurtà Interna (Dikjarazzjoni Konġunta UE-CLASI) abbażi tal-abbozz ta' dikjarazzjoni konġunta UE-CLASI mħejjija minn Spanja b'kont meħud tal-kontributi bil-miktub mid-delegazzjonijiet tal-Grupp ta' Appoġġ COSI.

¹ 11301/23

Abbażi tal-kummenti li waslu mill-pajjiżi sħab esterni rilevanti u ċiklu ieħor ta' konsultazzjonijiet mad-delegazzjonijiet tal-Grupp ta' Appoġġ COSI f'Settembru 2023, Spanja qed tinforma lill-Coreper u lill-Kunsill dwar it-test finali tad-dikjarazzjoni konġunta UE-CLASI bi tnejn għall-ikla ministerjali mal-pajjiżi tal-CLASI waqt il-laqgħa tal-Kunsill Affarijiet Interni fi Brussell fit-28 ta' Settembru 2023.

Dikjarazzjoni Konġunta tal-Ministri għall-affarijiet interni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u l-Ministri responsabbli għal kwistjonijiet ta' sigurtà tal-Istati Membri tal-Kumitat Latin-Amerikan għas-Sigurtà Interna (Dikjarazzjoni Konġunta UE-CLASI)

1. Aħna, il-Ministri għall-affarijiet interni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u l-Ministri responsabbli għal kwistjonijiet ta' sigurtà tal-Istati Membri tal-Kumitat Latin-Amerikan għas-Sigurtà Interna (CLASI), imlaqqgħin għat-tieni darba bl-għan li nikkonsolidaw ir-relazzjonijiet dwar kwistjonijiet ta' sigurtà fiż-żewġ reġjuni;
2. Konxji li t-theddid kriminali li qed jiffaċċjaw il-pajjiżi tagħna u l-impatt tiegħu fuq is-sigurtà u l-benesseri taċ-ċittadini tagħna jghegħluna naħdmu id f'id sabiex nipprovdu rispons f'waqtu;
3. Konxji mill-flessibbiltà tan-networks kriminali, min-natura dejjem aktar vjolenti u tranżnazzjonali tagħhom u mill-użu tal-korruzzjoni li tikser id-drittijiet, u li qed taffettwa s-soċjetajiet u l-ekonomiji tagħna kif ukoll l-ambjent;
4. Filwaqt li nirrikonoxxu li sforzi miftiehma u kkoordinati huma kruċjali biex jiġi indirizzat it-theddid kriminali komuni għas-sigurtà taċ-ċittadini tagħna, b'mod partikolari l-produzzjoni, il-finanzjament u t-traffikar illeċitu tad-drogi, il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti, it-traffikar ta' bnedmin, it-traffikar ta' armi tan-nar, munizzjon u splussivi, il-kriminalità finanzjarja, iċ-ċiberkriminalità u l-kriminalità ambjentali;
5. Filwaqt li nirrikonoxxu l-importanza li naħdmu flimkien biex insaħħu l-kooperazzjoni kontra t-theddid ibridu, is-sigurtà tal-enerġija u l-protezzjoni tal-infrastrutturi kritiċi u l-ispazji pubbliċi b'rispons għall-isfidi dejjem jikbru tat-theddid tranżnazzjonali, u l-impatt tiegħu u r-riskji dejjem akbar għas-sigurtà interna;

6. Filwaqt li nirrikonoxxu li l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem huma ta' importanza ewlenija għall-kooperazzjoni tagħna, u filwaqt li ninnotaw li f'dan ir-rigward il-protezzjoni tad-data personali hija essenzjali biex tippermetti l-iskambju ta' informazzjoni fil-qasam tal-infurzar tal-liġi u l-ġustizzja kriminali;
7. Filwaqt li nirrikonoxxu li l-kooperazzjoni tagħna dwar kwistjonijiet ta' sigurtà interna hija element ewlieni biex nindirizzaw l-isfidi globali u reġjonali li qed jheddu s-sigurtà tas-soċjetajiet tagħna, il-protezzjoni tal-ambjent u l-iżvilupp sostenibbli tal-pajjiżi tagħna;
8. Filwaqt li ntennu d-determinazzjoni tagħna li nkomplu naħdmu flimkien fl-interess tad-djalogu politiku u l-iżvilupp tal-kooperazzjoni reġjonali u internazzjonali fiż-żewġ reġjuni u bejn reġjun u ieħor;
9. Filwaqt li nenfasizzaw l-ambizzjoni tal-ministri Latin-Amerikani li joħolqu l-CLASI, forum reġjonali għal djalogu ta' livell għoli li jikkoordina, fil-livelli politiċi, strateġiċi u operazzjonali, id-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politiki ta' sigurtà pubblika fir-reġjun Latin-Amerikan sabiex jiġi indirizzat b'mod effettiv it-theddid li jirriżulta mill-kriminalità organizzata tranżnazzjonali, dejjem b'rispett dovut għad-drittijiet tal-bniedem, ir-responsabbiltà kondiviża u l-prinċipju tan-noninterferenza;
10. Filwaqt li nafferimaw mill-ġdid l-impenn reċiproku tagħna li nkomplu nimplimentaw l-istrumenti eżistenti u nivvalutaw il-valur miżjud tal-ħolqien ta' strumenti addizzjonali għall-fini ta' kooperazzjoni dwar is-sigurtà interna u l-ġustizzja fost il-pajjiżi tagħna, bħala mezz biex jissaħħu r-rabtiet bejn iż-żewġ reġjuni u jsir progress fl-oġettivi kondiviżi;

11. Filwaqt li nfakkru li ġew stabbiliti strumenti effettivi bħall-Pjattaforma Multidixxiplinari Ewropea Kontra t-Theddid Kriminali (EMPACT), li tinkorpora mekkaniżmi biex jiġi ffaċilitat id-djalogu bilaterali u multilaterali, kif ukoll il-kooperazzjoni operazzjonali, inkluż mas-sħab Latin-Amerikani, biex jiġu indirizzati oqsma ta' kriminalità ta' prijorità permezz ta' pjanijiet ta' azzjoni operazzjonali tal-EMPACT u diversi aġenziji li jippromwovu l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi dwar il-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata, bħall-Europol, iċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (EMCDDA)², l-Eurojust, l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex), u ċ-Ċentru għall-Analiżi u l-Operazzjonijiet Marittimi - Narkotiċi (MAOC-N), kif ukoll id-djalogi bilaterali u reġjonali u l-programmi ta' kooperazzjoni, bħall-Programm ta' Kooperazzjoni dwar il-Politiki dwar id-Drogi (COPOLAD), il-Programm ta' Assistenza tal-Ewropa u tal-Amerka Latina kontra l-Kriminalità Organizzata Tranżnazzjonali (EL PAcCTO), u l-proġetti komponenti tal-Programm Globali tal-Flussi Illeċiti (GIFP), u n-networks għall-kooperazzjoni internazzjonali dwar l-irkupru u l-konfiska tal-assi bħan-Network tal-Interaġenziji Camden għall-Irkupru tal-Assi (CARIN), li jiffaċilita l-iskambji ma' uffiċċji għall-irkupru tal-assi ta' pajjiżi terzi kif ukoll networks reġjonali bejn l-aġenziji għall-irkupru tal-assi bħat-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja tal-Amerka Latina (GAFILAT);
12. Filwaqt li niċċelebraw il-ħidma importanti mwettqa mill-programm EL PAcCTO dwar is-sħubija bireġjonali bejn l-Amerka Latina u l-Unjoni Ewropea u filwaqt li ninkoraġġixxu l-kontinwazzjoni ta' dan il-kompitu;
13. Filwaqt li niċċelebraw l-adeżjoni ta' membri Latin-Amerikani ġodda mal-CLASI, u filwaqt li nilqgħu liċ-Ċili, l-Urugwaj, il-Messiku, il-Paragwaj, il-Perù, il-Kolombja u l-Honduras u l-intenzjoni tagħhom li jikkontribwixxu għall-għanijiet komuni ta' dan il-kumitat;

² L-Aġenzija futura tal-Unjoni Ewropea dwar id-Drogi

14. Filwaqt li nikkunsidraw id-dikjarazzjoni tal-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern tal-Unjoni Ewropea (UE) u tal-Komunità ta' Stati tal-Amerika Latina u tal-Karibew (CELAC) magħmula fit-18 ta' Lulju 2023 fi Brussell, il-Belġju;
15. Filwaqt li nenfasizzaw l-adozzjoni ta' pjanijiet ta' azzjoni operazzjonali taħt il-koordinazzjoni tal-CLASI, skont il-mudell tal-EMPACT, bħala parti miċ-Ċiklu ta' Politika u l-Metodoloġija ta' Ħidma tal-CLASI, bl-għan li jiġu allinjati l-miżuri strateġiċi, tattiki u operazzjonali fir-reġjun;
16. Aħna, il-Ministri għall-affarijiet interni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u tal-CLASI, naqblu li nikkonsolidaw u nsaħħu l-isforzi sabiex nindirizzaw il-kriminalità organizzata tranżnazzjonali u l-impatt negattiv tagħha fuq is-soċjetajiet, permezz ta' approċċ multidixxiplinari, inkluż permezz tal-innovazzjoni u billi nibnu kapaċitajiet effettivi għall-għieda kontra t-traffikar illeċitu u l-finanzjament tad-drogi, it-traffikar tal-bnedmin, il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti, id-disinn, il-manifattura u t-traffikar illeċitu tal-armi tan-nar, l-abbuż sesswali tat-tfal, ir-reati ċibernetiċi, ambjentali u dawk finanzjarji, il-kummerċ illegali f'oġġetti kulturali, inkluż il-ħasil tal-flus u l-użu kriminali tal-kriptovaluti, kif ukoll il-korruzzjoni, u l-profitti illeċiti ġġenerati minn tali kriminalità;
17. Nesprimu l-appoġġ sħiħ tagħna għall-kontinwità u l-iżvilupp ulterjuri tal-CLASI;
18. Nimpenjaw ruġna li naħdmu maċ-ċiklu tas-sigurtà Latin-Amerikan, billi nsegwu metodoloġija ta' ħidma simili bħal fl-EMPACT u allinjata mal-EMPACT kull meta jkun xieraq, inkluż mekkaniżmu ta' monitoraġġ permezz tal-CLASI;
19. Nimpenjaw ruġna li nżidu l-kooperazzjoni bejn l-aġenziji kompetenti fir-reġjuni rispettivi tagħna, filwaqt li nrawmu kooperazzjoni attiva bejn l-EMPACT u l-pjanijiet ta' azzjoni operazzjonali tal-CLASI, li jibqgħu awtonomi, bl-involviment tal-partijiet ikkonċernati responsabbli, sabiex b'mod konġunt isir progress fuq objettivi kondiviżi u titħeġġeġ il-parteċipazzjoni ta' esperti tal-infurzar tal-liġi fl-azzjonijiet operazzjonali ppjanati rispettivi kull meta jkun xieraq;

20. Nimpenjaw ruġna li nikkoordinaw iż-żmien tat-tnedija tal-Istrument ta' Dokumentazzjoni u Valutazzjoni tat-Theddid tal-Amerka Latina (IDEAL) fl-Amerka Latina ma' dak tal-Valutazzjoni mill-Unjoni Ewropea tat-Theddid mill-Kriminalità Serja u Organizzata (SOCTA) diġà stabbilita biex nottimizzaw ir-riżultati taċ-ċikli ta' sigurtà rispettivi;
21. Nimpenjaw ruġna li nżidu l-kooperazzjoni biex nindirizzaw is-sitwazzjoni globali tad-droga li taffettwa liż-żewġ reġjuni billi nindirizzaw b'mod integrat, ibbilanċjat u bbażat fuq l-evidenza filwaqt li nnaqqsu mhux biss il-provvista tad-droga iżda wkoll id-domanda u l-ħsara li d-drogi jikkawżaw lis-saħħa pubblika, inkluż permezz ta' skambju akbar ta' informazzjoni u intelligence, operazzjonijiet konġunti li jinvolvu investigazzjonijiet finanzjarji u l-promozzjoni ta' miżuri ta' politika dwar id-drogi orjentati lejn l-iżvilupp, inkluż l-Iżvilupp Alternattiv;
22. Nilqgħu l-istabbiliment tat-Task Force Bireġjonali Kontra n-Narkotiċi dwar il-ġlieda kontra t-traffikar tad-drogi³, li l-ewwel laqgħa operattiva tiegħu saret f'Ottubru 2022 fi Buenos Aires, l-Arġentina, li juri li l-impenji politiċi li saru fil-livell strateġiku jwasslu għal riżultati operattivi konkreti, u nappellaw lit-Task Force biex iniedi operazzjonijiet konġunti, filwaqt li jqis is-sejbiet mis-SOCTA u l-IDEAL; infakkru fil-vokazzjoni tiegħu li jevolvi f'network ta' esperti u nistiednu lill-Istati Membri jipparteċipaw fih;
23. Naffermaw l-importanza li jiġi appoġġat il-proċess tal-ġhoti ta' status istituzzjonali lill-AMERIPOL, li ser jgħin biex jissaħħaħ ir-rwol tagħha fil-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata fir-reġjun Latin-Amerikan;

³ Id-Dikjarazzjoni Konġunta UE-CLASI (3 ta' Marzu 2022) appellat għall-istabbiliment ta' Task Force Kontra n-Narkotiċi biex iniedi operazzjonijiet konġunti.

24. Inħeġġu l-inklużjoni tal-perspettiva tal-ġeneru bħala aspett importanti fil-ġlieda konġunta kontra l-kriminalità serja u organizzata, permezz tal-instigazzjoni ta' strateġiji istituzzjonali li jippromwovu t-tmexxija tan-nisa f'dan il-qasam, kif ukoll analiżi kondiviżi tar-rwol tan-nisa fil-kriminalità u l-impatt tal-kriminalità fuq in-nisa u l-promozzjoni tal-aħjar Prattika u approċċi għal azzjoni;
 25. Nappellaw għal laqgħat regolari, inkluż fil-livell ta' uffiċjali għolja, biex nibnu fuq id-djalogu li beda bil-ħolqien tal-CLASI, u li aħna nafferimaw mill-ġdid permezz ta' din id-dikjarazzjoni konġunta fil-livell politiku, strateġiku, tekniku u operazzjonali, u biex dan jippermetti l-iżvilupp ta' kultura kondiviżi ta' kooperazzjoni, sabiex niksbu sigurtà u benesseri msaħħa għaċ-ċittadini tagħna;
 26. Aħna, il-Ministri għall-affarijiet interni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u tal-CLASI, ninsabu ħerqana li nergħu niltaqgħu fl-istess konfigurazzjoni biex nirrieżaminaw il-progress li sar fl-implimentazzjoni ta' din id-dikjarazzjoni konġunta f'data li għad trid tiġi ddeterminata.
-